# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Marzu 2002**

**Avviz. numru 977/01**

**Numru 45**

**Avv. Dott Joe Borg Bartolo an nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera SEAM Scrl**

**vs**

**Comm. Lifts and Ser. Ltd**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur nomine ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbatax il-miljun u hames mitt elf liri Taljani (Lit. 14.500.000) ekwivalenti al cerca tlett elef u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm3,085) rapprezentanti il-bilanc dovut lill-kumpanija attrici fuq il-prezz tal-impjant ta' Lift li s-socjeta konvenuta akkwistat minn ghand il-kumpannija attrici permezz tal-kuntratt datat 18 ta' Mejju 2000 annessa mal-avviz u markat Dok B u dan kif jidher mill-fattura mahruga mill-kumpanija attrici datata 16 ta' Jannar 2001 (Dok C) u kif gie mis-socjeta konvenuta stess ammess fil-facsimile

datata 28 ta’ Frar 2001 (Dok D). Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 5 ta’ Lulju 2001 u bl-imghax legali kontra l-koumpannija konvenuta li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-atti minn fol 2 sa fol 8.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur nomine sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx fis-6 ta' Marzu 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm3085.00,0 bl-imghax legali mis-16 ta’ Jannar 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta’ Lulju 2001.

Alan Calleja
Deputat Registratur